# Wirt Għawdex - PRESS RELEASE

## *Restoration works at Cittadella Gozo*

In the past, Wirt Ghawdex had appealed to the Government for action to be taken with regards to the precarious state of the top portion of St. John's Cavalier. It had deteriorated to such an extent that it was in danger of collapsing and was a serious danger to visitors who daily visit and walk around the area.

Today, we are pleased to note that this cavlier has been beautifully restored as part of the Cittadella Master Plan. The impeccable restoration work that is going on is well on its way to uncovering the original beauty of this impressive landmark.

Once this restoration work is complete, it will become even more important that a Cittadella Management Team is set up to ensure that this national monument is not allowed to deteriorate to its previous state again and also to manage ongoing maintenance work and activities around all the site. This committee should be composed of representatives from all stakeholders within the Cittadella including Wirt Ghawdex. While this option has been discussed often and at length, it is now time to make a final decision so that it is ready to take over from the restoration team once the project is completed.

-----------------------------------------------------------------

## Xogħol ta' Restawr fuq iċ-Ċittadella, f'Għawdex

L-assoċjazzjoni non-governattiva Wirt Għawdex kemm-il darba għamlet appelli lill-Gvern għal attenzjoni u azzjoni fuq l-istat ħażin tax-xifer ta' fuq, tal-Kavallier ta' San Ġwann, fis-swar taċ-Ċittadella, f'Għawdex. Din il-parti tal-fortifikazzjonijiet, kif jidher fir-ritratt, kienet fi stat ħażin tant li ġebel mill-bini tagħha kien wasal biex jaqa' bil-periklu li jweġġgħu nies li jkunu jżuru u jduru mas-swar.

Wirt Għawdex illum għandu l-pjaċir jgħid li dan il-Kavallier ta' San Ġwann ġie rrestawrat bl-aktar mod professjonali. Ix-xogħol sar bħala parti mill-Master Plan taċ-*Ċittadella*. Ir-restawr li qiegħed jissokta fuq din il-'belt żgħira' – sit impressjonanti fiċ-ċentru ta' Għawdex – issa miexi u dalwaqt jikxef is-sbuħija kollha oriġinali tal-fortifikazzjonijiet.

Ladarba x-xogħol ta' restawr ikun lest, Wirt Għawdex tħoss li jkun importanti li jiġi kostitwit Tim li Jimmaniġġja ċ-Ċittadella, li jkun jista' jassigura li dan il-monument nazzjonali ma jiħalliex jaqa' fl-istat ħażin li kien sa ftit ilu, u, fuq kollox, jieħu ħsieb li jsiru x-xogħlijiet li jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien, u jorganizza attivitajiet f'postijiet differenti fiħdan is-swar. Tirrakkommanda wkoll li dan it-Tim ikun jikkonsisti minn rappreżentanti li għandhom interess fiċ-Ċittadella, u minn Wirt Għawdex. Dan it-Tim Maniġerjali ilu jkun diskuss u fit-tul. Issa wasal il-mument li jittieħdu d-deċiżjonijiet u jkun kostitwit biex, ladarba jitlesta, jieħu f'idejh mingħand it-tim li qiegħed jaħdem fuq ir-restawr.

PRO – Joe Zammit Ciantar


St John Cavalier – Citadel, Gozo





liquid studios Web Development Multimedia Presentations

**Aħbarijiet**

**L-Orizzont - L-Erbgħa 17 ta' Ġunju 2009**

## Il-Kavallier ta' San Ġakbu fiċ-Ċittadella Għawdex: Periklu li jikkollassa

**minn Corey Formosa**

Bla dubju ta' xejn ir-riċessjoni dinjija kellha effett ħażin ħafna fuq l-industrija tat-turiżmu. Għaldaqstant hemm bżonn aktar minn qatt qabel li Malta tkompli toffri prodott tajjeb biex tattira aktar turisti.

Il-wirt storiku li għandha f'pajjiżna għandu jkun prijorità assoluta f'dan il-qasam għax huwa fatt magħruf li l-maġġoranza tat-turisti li jżuru lill-pajjiżna jiffrekwentaw diversi postjiet storiċi f'Malta.

Minkejja dan kollu l-wirt storiku f'pajjiżna mhux qiegħed jingħata l-importanza meħtieġa u dan hekk kif sar magħruf li bini storiku fiċ-Ċittadella Għawdex qiegħed f'periklu imminenti li jikkollassa.

Dan il-ġurnal għamel kuntatt mas-Segretarju tal-Għaqda Wirt Għawdex Giovanni Zammit fejn qal li s-sit inkwistjoni – l-Kavallier ta' San Ġakbu – ilu mikri għand kumpanija tat-telekomunikazzjoni għal żmien twil, għalkemm ma ndikax kemm eżattament.

Skont l-għaqda, mal-ħitan tal-post imsemmi qiegħed jikber ħafna ħaxix li qiegħed iċaqlaq il-ġebel minn postu (ritratt), però minkejja dan kollu qatt ma sar ir-restawr meħtieġ biex l-istruttura tal-post ma tkomplix sejra mill-ħażin għall-agħar.

B'konsegwenza ta' dan l-istruttura tal-Kavallier ta' San Ġakbu qiegħda f'kundizzjoni ħażina ħafna tant li qiegħda fil-periklu li tikkollassa.

Għaldaqstant l-Għaqda Wirt Għawdex qiegħda tappella lill-Gvern u lis-Segretarju Parlamentari għall-Erarji Pubbliċi u Artijiet biex din il-kirja tiġi revokata b'mod immedjat ħalli tibda titgawda mill-pubbliku inġenerali.

L-Għaqda wriet it-tħassib tagħha għal fatt li s'issa ma teżisti l-ebda liġi dwar l-installazzjoni ta' arbli u antenni fiċ-Ċittadella.

B'rabta ma' dan xahar ilu twaħħlet antenna fuq is-saqaf tal-Mużew Arkeoloġiku li huwa ukoll sit fiċ-Ċittadella. Min-naħa tagħha l-għaqda sosniet li din l-antenna għandha tiġi mneħħija immedjatament.

Wirt Għawdex esprimiet is-sodisfazzjon tagħha għat-tħejjija ta' pjan għaċ-Ċittadella li qiegħed jitħejja mill-Ministeru għal Għawdex u minn proġett għar-Restorazzjoni tas-swar li huwa ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Skont Zammit ir-rispons li rċiviet l-Għaqda mingħand il-Gvern wara li tagħat is-suġġerimenti tagħha għal dan il-pjan, kien pożittiv ħafna.

Zammit qal li l-Għaqda qatt ma ltaqat mal-Gvern biex tiddiskuti l-kundizzjoni taċ-Ċittadella b'mod ġenerali.

Sostna li wara li ħarġet l-istqarrija tagħha lbieraħ fuq dan il-każ, l-Għaqda qiegħda tistenna r-rispons tal-pubbliku Malti u Għawdxi.

Saħaq li jekk dan ir-rispons ikun wieħed sodisfaċenti l-Għaqda tista' tikkonsidra li tagħmel pressjoni fuq il-Gvern biex jitranġaw l-affarijiet.

cformosa@unionprint.com.mt

THE SUNDAY TIMES
*Sunday, November 25, 2012*

# Restoration works at the Citadel



The newly restored St John's Cavalier in the Citadel, Victoria.

The cultural heritage NGO Wirt Għawdex has often urged the government to restore the ridge of St John's Cavalier, along the walls of the Citadel in Victoria, especially since some stone blocks were in danger of collapsing, posing a serious danger to people visiting the area.

Wirt Għawdex is now pleased to note that this cavalier has been skilfully restored as part of the Citadel master plan. The ongoing restoration work should uncover the Citadel's original beauty. Once the restoration works are complete, Wirt Għawdex feels that a management team should be set up to ensure that this national monument will not be allowed to deteriorate and to manage ongoing maintenance works and organise activities around the site.

This team should be made up of representatives of all stakeholders within the Citadel and Wirt Għawdex and take over from the restoration team immediately, the NGO maintained.

## 0 Comments

**Post comment**

Copyright © Allied Newspapers Ltd., printed on - 25-11-2012 - This article is for personal use only, and should not be distributed